

Brussell, 2 ta' Marzu 2017  
(OR. en)

6836/17

MI 173  
ENT 51  
COMPET 153  
DELECT 36

**NOTA PUNT "I/A"**

|                |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      |
|----------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:          | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                     |
| lil:           | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                        |
| Nru dok. Cion: | 5774/17 MI 81 ENT 28 COMPET 57 DELECT 18 + ADD 1 - C(2017) 315 final                                                                                                                                                                                                                                                 |
| Suġġett:       | Regolament delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru .../... ta' 26.1.2017 dwar il-klassifikazzjoni tal-prestazzjoni tar-reżistenza għall-ġlata għall-madum tat-tafal skont EN 1304 skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<br>- Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet għal att delegat |

1. Il-Kummissjoni ppreżentat l-att delegat imsemmi hawn fuq<sup>1</sup> lill-Kunsill f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 290 TFUE u l-Artikolu 60 (f) tar-Regolament (UE) Nru 305/2011<sup>2</sup> li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE. L-att delegat huwa bbażat fuq l-Artikolu 27 (1) ta' dak ir-Regolament. Wara li l-Kummissjoni nnotifikat l-att delegat lill-Kunsill fis-26 ta' Jannar 2017, il-Kunsill għandu sas-26 ta' April 2017 biex joġġezzjona għalih.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Armonizzazzjoni Teknika eżamina l-att delegat bi proċedura bil-miktub u kkonkluda li ma hemm l-ebda raġuni biex il-Kunsill joġġezzjona għalih.

<sup>1</sup> Dokument tal-Kunsill 5774/17 + ADD1.

<sup>2</sup> ĠU L 88, 4 ta' April 2011, p. 5.

3. Huwa għalhekk issuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jirrakkomanda li l-Kunsill jikkonferma li ma għandu l-ebda intenzjoni joġġezzjona għall-att delegat u li l-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jiġu infurmati b'dan. Dan jimplika li, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax għalih, l-att delegat għandu jiġi ppubblikat u jidħol fis-seħħ f'konformità mal-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) Nru 305/2011.
-